**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**
**Spettur Louise Vella**
**V**

**SAMUEL CAMILLERI**

**Illum, 8 ta' April, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SAMUEL CAMILLERI** ta’ sebgha w ghoxrin sena bin Anthony u Frances nee Schembri, imwieled H'Attard nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 1971 u joqghod Blokk 14A, Flat 1, Fontanier Street, Qormi jew Blokk 13, Flat 7, Misrah Monsinjur P. Psaila, Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 529871M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Settembru 1999 b'ghemil zieni, kkorrompa lil minuri ta' hmistax il-sena, Graziella Apap.

Talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 1999 fil-Gzira biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, hajjar ghal prostituzzjoni lil Graziella Apap minorenni ta' hmistax il-sena, jew eccita l-korruzzjoni taghha jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni u dan ghamlu bhala drawwa jew bi hsieb ta' qligh.

Talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1999 b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni tal-minuri Graziella Apap.

Talli rrenda ruhu recidiv permezz ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u cioe dik moghtija nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 1993, dik moghtija nhar t-tnejn ta' Settembru, 1999 u ohra moghtija nhar l-ewwel ta' Frar, 1991 li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru, 2000 esibiti fl-atti a fol 99.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Jannar, 2001 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet l-partijiet jittrattaw l-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni principalment qed takkuza lil imputat b'erbgha imputazzjonijiet u cioe:

a. b'korruzzjoni tal-minorenni Graziella Apap;

b. thajjir ghal prostituzzjoni ta' Graziella Apap;

c. talli ghex ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni tal-minuri Graziella Apap ; u

d. talli huwa recidiv.

Illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq r-rapport li ghamlet **Graziella Apap** lil Pulizija dakinhar tal-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 1999. **Quddiem l-imputat viva voce l-Qorti Graziella Apap qalet** li kienet tinzel l-Gzira b'tal-linja mal-imputat, sabiex tipprostitwixxi ruhha u wara taghti l-flus kollha li taqla lil istess imputat. Stqarret li hija kienet toqghod hdejn tal-Opel l-Gzira u kienet tirkeb mal-irgiel u tmur maghhom Manoel Island kull darba ghas-somma ta' ghaxar liri maltin. Hija spjiegat li kienet taqla bejn ghaxra w ghoxrin lira maltin kuljum. Wara kienet tmur hdejn Sammy li kien ikun go bar jistenniha taghtih il-flus u jirritornaw lura Hal Qormi flimkien. Stqarret wkoll li kemm il-darba kellha x'taqsam mal-imputat, ghalkemm stqarret li dan kien isir ta' bil-fors ghaliex kienet tibza minnu. Hija spjiegat kif saru jafu l-genituri taghha dwar dan u cioe li kienu avvicinawha wara li sabulha condom fil-kamra tas-sodda. Qalet li hija kellha x'taqsam ma guvintur ohra qabel ma kellha

x'taqsam mal-imputat, pero maghhom, inkluz ma Sammy, ma kienetx tuza condoms.

**Graziella Apap stqarret** li hija kellha relazzjonijiet sesswali ma ghaxart irgiel differenti qabel ma marret mal-imputat u li bdiet b'din il-kunfidenza minn meta kien ghad ghandha tlettax il-sena. Hija qalet li kienet tghid lil imputat li kellha kugina Maruska li kienet tohqob hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau f'Hal Qormi pero wara kienet ikkorreggiet ruhha u qalet li ma kienetx kugina, izda habiba. Qalet wkoll li din Maruska kienet hajritha diversi drabi dwar dan x-xoghol pero maghha qatt ma marret u qatt ma wrietha b'dak li allegatament kienet taghmel ghal imputat.

Xehdet wkoll **omm Graziella** certa **Angela Apap** li **spjiegat** kif darba minnhom bintha harget u meta rritornat lura d-dar qaltila li kienet ma habiba taghha Karen pero meta ivverifikat sabet li dan ma kienx minnu.

**Victor Apap, missier Graziella, xehed** nhar l-hdax ta' Ottubru, 1999 u stqarr li huwa beda jinduna li bintu bdiet tixtri xi hwejjeg,

crieket tal-fidda u xi oggetti ohra li jiswew aktar mill-flus li kienet taghtiha ommha, fis-sens li bdiet tixtri oggetti li fil-fehma tieghu ma kienetx taffordja. Huwa ghalhekk issuspetta hazin u nizel il-Gzira u ra lil bintu ma l-imputat hdejn il-pompa tal-petrol, il-Gzira u darb'ohra fi Triq Manuel Dimech f'Hal Qormi. Huwa pero qatt ma ra tipprostitwixxi ruhha izda ra fil-kumpanija tal-imputat. Qal li sa fejn jaf hu martu kienet taghtiha hames liri fil-gimgha biss.

**Graziella Apap regghet xehdet nhar l-hdax ta' Ottubru 1999** u qalet li ommha kienet taghtiha sebgha liri fil-gimgha pero kienet iggemmghahom biex tixtri crieket tal-fidda. Qalet li Sammy lil imputat gieli tah xi flus u gieli xtralha xi hwejjeg pero dejjem kien jhallas kollox hu meta johorgu flimkien. Qalet li fit-tlett gimghat li damet mal-imputat xtrat tlett dbielet qosra.

**Michael Magri xehed nhar s-sitta ta' Dicembru, 1999** u stqarr li huwa kien ra lil Graziella Apap hdejn Manoel Island il-Gzira flimkien mal-imputat liebsa dublett qasir u flokk skullat.

**Graziella Apap in kontro ezami qalet** li hija giet arrestata f'okkazzjoni meta nstabet ma ragel Dione, f'karozza hdejn l-airport meta skond hi, suppost li kienet sejra interview. Qalet li kienet mal-habiba taghha Karen Cilia u ragel iehor. Il-Pulizija qabduha waqt li hija kienet qed tinnamra ma dan Dione allegatament kontra r-rieda taghha. Darb'ohra meta kienet wieqfa fit-triq tistenna l-boyfirend l-gdid taghha u cioe Keith Galea u dan peress li l-Pulizija hasbu li kienet qed tohqob.

**Fl-erbatax ta' Jannar, 2002 l-istess Graziella Apap stqarret** li kellha kaz gdid il-Qorti fuq prostituzzjoni meta kienu qabduha l-Pulizija l-Gzira qabel l-Milied tal-2001.

**l-imputat ta x-xhieda tieghu nhar l-hdax ta' Frar, 2002** u qal li huwa kien hareg ma Graziella Apap f'xi tlett okkazzjonijiet. Huwa cahad b'mod kategoriku li qatt wassalha jew gabarha in konnessjoni mal-prostituzzjoni. Cahad li qatt taghtu xi flus anzi qal li kien hu li hallas ghal kollox meta hargu flimkien.

Huwa stqarr li huwa fil-fatt ma riedtx jkompli maghha u li haditha bhala offiza tant li ghaddiet minn hdejh u bezqitlu u ghajjritu.

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik esposta mill-Prosekuzzjoni bazata fuq x-xhieda tal-minuri Graziella Apap u dik proposta mill-imputat li jichad dak kollu li qalet l-istess minuri.

Ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq l-kredibilita tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-artikolu 637 tal-tal-Kap 9.

Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandix mis-sewwa jew hiex konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-

process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hija stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita ta-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn: jew li l-imputat qed jghid il-verita jew ma hux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat ma hux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettix.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penali - Vol III - Kap IV pg. 236 Ediz. 12 - 1890***:

"*Il cosi detto nero della prova, cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubbju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' boun sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ta' Graziella Apap. Rat li bhala xhud ma kienetx wisq tenaci, kienet wkoll rebuttanti w inoltre il-Qorti ma thossx li x-xhieda taghha kellha mix-sewwa. Ghalkemm x-xhud Graziella Apap hija minuri ma gabitx ruhha bhala tali u kienet incerta u esitanti kull meta giet mistoqsija domanda.

Fl-ewwel lok, Graziella Apap stqarret li l-flus li kienet taghtiha ommha kienet iggemmghahom u ghalhekk il-Qorti tistaqsi kif xtrat hwejjiha u c-crieket tal-fidda li semmiet hija stess ? Qalet li gidbet lil Sammy meta qaltlu li l-kugina taghha Maruska kienet tinzel tohqob meta fil-fatt kienet il-habib taghha u mhux kugintha. Qalet li hija

kellha x'taqsam ma Sammy diversi drabi pero kontra r-rieda taghha u ghalhekk il-Qorti tistaqsi ghalfejn baqghet tmur mieghu u mhux tirrapporta l-kaz qabel? Qalet lil ommha li harget ma habiba kienet f'okkazzjoni wahda w imbaghad ommha saret taf li ma kienx minnu.

Irrizulta mill-atti li l-istess xhud inqabdet mill-Pulizija f'okkazzjoni ohra f'cirkostanzi ombruzi b'vann hdejn l-airport bil-lejl ma ragel tinnammra, allegatament issekwestrata, fi triq wieqfa, allegatament tinstenna lil gharus taghha u l-Pulizija waqfuha ghaliex hasbu li kienet qed titlajja. F'cirkostanzi ohra tressqet l-Qorti akkuzata bi prostituzzjoni. Qalet li hija kellha diversi relazzjonijiet sesswali ma rgiel sa anke ghaxra, minn mindu kellha tlettax il-sena.

Il-Qorti setghet tara l-komportament tax-xhud fil-pedana tax-xhieda u qisiet l-imgieba taghha u ma thossx li dak li qalet fil-konfront tal-imputat kien veritier.

Minn naha l-ohra l-imputat ma qalx wisq pero bil-ftit li qal cahad dak kollu li stqarret l-istess Graziella Apap u l-Qorti hija propensa temmen aktar il-versjoni tal-fatti kif moghtija minnu milli

temmen dak li qalet l-istess minuri li kif stqarret hija stess hi mimlija esperjenzi sesswali.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u konsegwentement tiddikjara li ma ssibx lil imputat SAMUEL CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**